

KARIGI VAKANTI

KAP TAL-UNITÀ GĦALL-IŻVILUPP STRATEĠIKU

KAP TAL-UNITÀ GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI U L-IŻVILUPP TAL- ĦILJET

KAP TAL-UNITÀ GĦALL-PRESTAZZJONI U L-VALUTAZZJONI TAS-SISTEMI

Aġenti temporanji – grupp ta' funzjonijiet AD, grad 9

Lest għall-isfida kbira li jmiss tiegħek?

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) qed tfttex [Kap għal kull waħda mill-unitajiet li ġejjin](#):

- 1) Żvilupp Strateġiku
- 2) Identifikazzjoni u Żvilupp tal-Ħiliet
- 3) Prestazzjoni u Valutazzjoni tas-Sistemi

biex imexxi u jikkoordina tim b'talent, impenjat u multidixxiplinarju.

Tliet pożizzjonijiet huma miftuħa. Il-kandidati jistgħu japplikaw għal pożizzjoni waħda jew aktar.

Bħala membru tat-Tim ta' Ġestjoni tal-ETF, inti se taħdem f'kollaborazzjoni ma' manijers oħra biex tappoġġja l-iżvilupp strateġiku tal-aġenzija, il-governanza u l-komunikazzjoni tagħha.

Jekk inti entużjast dwar il-proġett tal-UE, għandek għal qalbek l-edukazzjoni, l-impjeg u l-iżvilupp; ħerqan li tmexxi timijiet ta' prestazzjoni għolja u jekk il-punti b'saħħithom tiegħek huma l-kollaborazzjoni, il-komunikazzjoni u li tkun konstruttiv u moħħok miftuħ, mal-ETF se jkollok l-opportunità li tesprimi ruħek b'mod sħiħ f'ambjent stimolanti, multikulturali u dinamiku u professjonali.

X'inhi l-ETF?

L-ETF hija aġenzija tal-UE bbażata f'Turin, l-Italja. Din tgħin lill-pajjiżi fi tranżizzjoni u lil dawk li qed jiżviluppaw jisfruttaw il-potenzjal tal-kapital uman tagħhom permezz tar-riforma tas-sistemi tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tas-suq tax-xogħol, fil-kuntest tal-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-UE.

Aħna nappoġġaw pajjiżi li jinsabu fil-fruntiera mal-UE biex itejbu s-sistemi vokazzjonali u tat-taħriġ tagħhom, janalizzaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet, u jiżviluppaw is-swieq tax-xogħol tagħhom. B'dan il-mod, aħna ngħinuhom itejbu l-koeżjoni soċjali u jiksbu aktar tkabbir ekonomiku sostenibbli, li konsegwentement ikun ta' benefiċċju għall-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom billi jittejbu r-relazzjonijiet ekonomiċi.

Unitajiet u mandat prinċipali

1) Unità għall-Iżvilupp Strateġiku

L-Unità għall-Iżvilupp Strateġiku hija parti mid-Dipartiment Strateġiku u tar-Riżorsi.

Il-mandat ewlieni tal-Unità huwa li jmexxi l-ipprogrammar strateġiku tal-ETF, jikkoordina l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-ETF tal-2027, imexxi l-iżvilupp organizzazzjonali u jibni sħubiji strateġiċi.

Din l-Unità hija responsabli:

- mit-tmexxija tal-ipprogrammar, l-ippjanar u ċ-ċiklu tal-monitoraġġ, inkluż il-koordinazzjoni ta' evalwazzjonijiet interni u esterni
- mit-tmexxija għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' żvilupp organizzazzjonali u ta' titjib, bħall-proġett ta' diġitalizzazzjoni tal-ETF
- mill-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika ta' sħubija
- mit-twaqqif u ż-żamma ta' relazzjonijiet mas-servizzi tal-UE, l-Istati Membri u l-partijiet interessati lokali
- mill-ġestjoni tal-informazzjoni u s-servizzi tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni
- mill-kontribut għaċ-ċiklu ta' programmar, ippjanar u monitoraġġ istituzzjonali tad-dipartiment
- mill-kontribut għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni tal-ETF, internament u esternament.

Il-kandidat magħżul se jmexxi l-Unità għall-Iżvilupp Strateġiku u t-tim tagħha ta' madwar 10 membri tal-persunal. Hija/Huwa se jaħdem/taħdem f'kollaborazzjoni mill-qrib mad-Direttur tal-ETF. Hija/Huwa se jirrapporta/tirrapporta lill-Kap tad-Dipartiment.

2) Unità għall-Identifikazzjoni u l-Iżvilupp tal-Ħiliet

L-Unità għall-Identifikazzjoni u l-Iżvilupp tal-Ħiliet hija parti mid-Dipartiment taċ-Ċentru tal-Għarfien.

Il-mandat ewlieni tal-Unità huwa li jmexxi l-attivitajiet fl-oqsma tar-rilevanza u l-antiċipazzjoni tal-ħiliet, u l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet, bħala parti mill-iżvilupp tal-kapital tal-bniedem, kif definit fl-istrateġija tal-ETF tal-2027.

Din l-Unità hija responsabli:

- mit-tmexxija tal-immaniġġjar tal-għarfien, il-kokreazzjoni u t-tixrid fl-oqsma ta':
 - ir-rilevanza tal-ħiliet u d-domanda għalihom minn perspettiva nazzjonali u settorjali
 - l-iżvilupp tal-ħiliet u l-proċessi ta' validazzjoni
 - u f'koordinazzjoni ma' unitajiet oħra, il-ġestjoni tal-kontenut u l-użu tan-networks soċjali, il-pjattaformi u l-kontribut għar-repożitorji tal-għarfien
- mill-ġestjoni taċ-ċiklu tal-programm ta' proġetti, timijiet u attivitajiet b'rabta mal-identifikazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet - inkluż l-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kisba tar-riżultati mistennija – f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Unità għall-Ġestjoni tal-Proġetti
- mill-konnessjoni u s-sħubija ma' diversi atturi fil-qasam

- mill-kontribut għaċ-ċiklu ta' programmar, ippjanar u monitoraġġ istituzzjonali tad-dipartiment
- mill-kontribut għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni tal-ETF, internament u esternament.

Il-kandidat magħżul se jmxexxi l-Unità għall-Identifikazzjoni u l-Iżvilupp tal-Filiet u t-tim tagħha ta' madwar 20 membru tal-persunal. Hija/Huwa se jirrapporta/tirrapporta lill-Kap tad-Dipartiment.

3) Unità għall-Prestazzjoni u l-Valutazzjoni tas-Sistemi

L-Unità għall-Prestazzjoni u l-Valutazzjoni tas-Sistemi hija parti mid-Dipartiment taċ-Ċentru tal-Għarfien.

Il-mandat ewlieni tal-Unità huwa li tmexxi fuq is-servizzi ta' monitoraġġ u valutazzjoni tal-ETF u fuq l-attivitajiet fil-qasam tal-prestazzjoni u l-kwalità tas-sistemi, kif definit fl-istrateġija tal-ETF tal-2027.

Din l-Unità hija responsabli:

- mit-tmexxija fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u prodotti ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' metodoloġiji, sistemi tal-IT, il-ġbir u l-analiżi tad-*data*, il-ġbir ta' informazzjoni u l-analiżi tal-iżvilupp tal-kapital uman, f'koordinazzjoni ma' unitajiet oħra
- mit-tmexxija tal-immaniġġjar, il-kokreazzjoni u d-disseminazzjoni tal-għarfien fil-qasam tal-effiċjenza tal-istituzzjonijiet u tas-sistemi, inkluż il-funzjonament tal-governanza, il-koordinazzjoni tal-atturi, l-assigurazzjoni tal-kwalità u ż-żieda fil-prestazzjoni tas-settur
- mill-ġestjoni taċ-ċiklu tal-programm ta' proġetti, timijiet u attivitajiet b'rabta mal-prestazzjoni u l-kwalità tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ - inkluż l-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kisba tar-riżultati mistennija - f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Unità għall-Ġestjoni tal-Proġetti
- mill-konnessjoni u s-sħubija ma' diversi atturi fil-qasam
- mill-kontribut għaċ-ċiklu ta' programmar, ippjanar u monitoraġġ istituzzjonali tad-dipartiment
- mill-kontribut għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni tal-ETF, internament u esternament.

Il-kandidat magħżul se jmxexxi l-Unità għall-Prestazzjoni u l-Valutazzjoni tas-Sistemi u t-tim tagħha ta' madwar 20 membru tal-persunal. Hija/Huwa se jirrapporta/tirrapporta lill-Kap tad-Dipartiment.

NOTA BENE għat-tliet unitajiet

Xi responsabbiltajiet tal-unitajiet jistgħu jiġu modifikati matul ix-xhur li ġejjin peress li bħalissa l-ETF għaddejja minn proċess ta' ristrutturar. L-istruttura organizzazzjonali l-ġdida se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021. Ara "L-istruttura organizzazzjonali tal-ETF".

Profil tal-impjeg: responsabbiltajiet u kompiti ewlenin

Il-Kapijiet tal-Unità se jaħdmu mill-qrib mal-membri tat-tim tagħhom u ma' manijers oħra. Huma se jiżviluppaw relazzjonijiet produttivi u ta' kooperazzjoni fl-aġenzija. Huma komunikaturi effettivi, jippromwovu l-valuri tal-aġenzija u jaġixxu bħala mudell eżemplari. Huma moħħhom miftuħ u kostruttivi. Huma organizzati ħafna u jiddelegaw b'mod effettiv.

Il-Kapijiet tal-Unità se:

- **fil-qasam tal-ġestjoni tan-negozju:**

- jaħdmu f'tim ma' maniġers oħra biex jikkontribwixxu għall-governanza tal-ETF
- jiżviluppaw strateġija għall-unità u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-aġenzija
- jippjanaw u jsegwu l-progress, jivvalutaw ir-riskji u jintroduċu bidla f'konformità mal-oġettivi
- jivvalutaw ir-riżorsi materjali, umani u finanzjarji meħtieġa u jamministrawhom b'mod effettiv
- jieħdu deċiżjonijiet, jikkomunikaw u jimplimentawhom
- jikkontribwixxu għal diskussjonijiet f'laqgħat (tal-maniġment, tal-unità jew tal-persunal kollu) u jressqu ideat innovattivi u oriġinali
- **fil-qasam tal-ġestjoni tal-persuni:**
 - irawmu l-involviment u l-għan komuni madwar il-missjoni tal-aġenzija u l-għanijiet tal-unità
 - jimmotivaw u jiggwidaw it-timijiet multidixxiplinari tagħhom fid-direzzjoni tal-għanijiet tal-unitajiet u jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom
 - jibnu tim b'saħħtu bi kwalitajiet sodi kumplimentari
 - irawmu l-iżvilupp tal-persunal billi jipprovdu feedback, jagħtu s-setgħa, jikkowċjaw u joħolqu opportunitajiet ta' taġlim
- **fil-qasam tal-komunikazzjoni:**
 - jikkontribwixxu għall-komunikazzjoni interna biex tissaħħaħ it-trasparenza u l-involviment tal-persunal
 - jikkontribwixxu b'mod attiv għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni tal-ETF

Huwa mistenni li l-Kapijiet tal-Unità se jivvjaġġaw ftit drabi fis-sena.

Kriterji ta' Eliġibbiltà

Sabiex titqies bħala eliġibbli, inti trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin fid-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

- 1 Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea
- 2 Tgawdi minn drittijiet sħaħ bħala ċittadin
- 3 Tkun issodisfajt kwalunkwe obbligu impost mil-liġi rigward is-servizz militari
- 4 Tkun fiżikament b'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet marbuta ma' din il-kariga
- 5 Ikollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas erba' snin iċċertifikati b'diploma, segwiti b'mill-anqas tnaħ-il sena ta' esperjenza professjonali xierqa

jew

Ikollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma, segwiti b'mill-anqas tlettax-il sena ta' esperjenza professjonali xierqa

Jistgħu jiġu kkunsidrati biss diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

- 6 Ikollok għarfien tajjeb (livell C1 fid-dimensjonijiet kollha skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi jew CEFRL) ta' waħda mil-lingwi tal-Unjoni u jkollok għarfien sodisfaċenti (livell B2 fid-dimensjonijiet kollha skont is-CEFRL), ta' lingwa oħra tal-Unjoni, sal-punt meħtieġ għat-twettiq tal-kompeti.

Kriterji tal-Għażla

Il-kandidati għandu jkollhom:

Esperjenza professjonali

- 12-il sena ta' esperjenza professjonali xierqa skont id-deskrizzjoni tal-mandat u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-unità
- Bħala parti mit-12-il sena ta' esperjenza xierqa: 5 snin esperjenza fit-tmexxija ta' tim.

Ħiliet tekniċi tajbin ħafna u għarfien dwar

- Inġliż: livell C1 fid-dimensjonijiet kollha skont is-CEFRL

Barra minn hekk, għall-kandidati li japplikaw għall-pożizzjoni ta' (1) Kap tal-Unità għall-Iżvilupp Strateġiku:

- L-istituzzjonijiet tal-UE u t-teħid tad-deċiżjonijiet
- Kooperazzjoni u sħubiji internazzjonali
- Żvilupp, ippjanar u monitoraġġ tal-istrateġija korporattiva
- L-iżvilupp organizzazzjonali

Barra minn hekk, għall-kandidati li japplikaw għall-pożizzjoni ta' (2) Kap tal-Unità għall-Identifikazzjoni u l-Iżvilupp tal-Ħiliet jew (3) Kap tal-Unità għall-Prestazzjoni u l-Valutazzjoni tas-Sistemi:

- Ġestjoni tal-proġett
- Politiki, programmi u strumenti tar-relazzjonijiet esterni tal-UE
- L-iżvilupp tal-kapital uman marbut mal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fil-pajjiżi fi tranżizzjoni u f'dawk li qed jiżviluppaw

Ħiliet tajbin ħafna ta' tmexxija u dawk maniġerjali

- Fil-ħsieb strateġiku u l-istabbiliment tad-direzzjoni, b'mod partikolari:
 - fil-bidla tal-istrateġija korporattivi f'objettivi għall-unità
 - fl-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-ħidma tal-unità
- Fil-ġestjoni tal-persuni, b'mod partikolari:
 - fl-igġwidar u l-bini ta' tim ta' prestazzjoni għolja
 - fil-motivazzjoni u l-iżvilupp tal-persunal

Ħiliet personali tajbin ħafna

- Fl-awtoorganizzazzjoni, il-ġestjoni tal-ħin u d-delegazzjoni
- Fil-komunikazzjoni bil-fomm u bil-miktub kif ukoll fin-negozjar
- Fit-trawwim ta' relazzjonijiet ta' kooperazzjoni
- Mentalità miftuħa u ta' tkabbir

Assi

- Esperjenza ta' ħidma mal-Istituzzjonijiet Ewropej u mal-programmi tal-UE
- Esperjenza ta' xogħol fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni
- Esperjenza f'pajjiżi li fihom taħdem I-ETF
- Franċiż: livell B2 fid-dimensjonijiet kollha skont is-CEFRL

Barra minn hekk, għall-kandidati li japplikaw għall-pożizzjoni ta' (1) Kap tal-Unità għall-Iżvilupp Strateġiku:

- Esperjenza fl-iżvilupp tal-kapital uman marbuta mal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fil-pajjiżi fi tranżizzjoni u dawk li qed jiżviluppaw

Barra minn hekk, għall-kandidati li japplikaw għall-pożizzjoni ta' (2) Kap tal-Unità għall-Identifikazzjoni u l-Iżvilupp tal-Ħiliet jew (3) Kap tal-Unità għall-Prestazzjoni u l-Valutazzjoni tas-Sistemi:

- Russu: livell B2 fid-dimensjonijiet kollha skont is-CEFRL

Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija **d-19 ta' Lulju 2020 f'23.59 (Ħin ta' Turin)**.

Tista' tapplika biss għal pożizzjoni waħda jew aktar. [Indika l-pożizzjoni\(jiet\) li qed tapplika għaliha/għalihom fil-curriculum vitae tiegħek.](#)

Inti mistieden tibgħat l-applikazzjonijiet tiegħek permezz tas-sit web tal-ETF, taħt it-taqsimiet "dwar" u mbagħad "reklutaġġ".

Nirrakkomandaw bil-qawwa li ma tistenniex sal-aħħar ġurnata biex tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għaliex traffiku kbir tal-internet jew xi difett fil-konnessjoni tal-internet jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. L-ETF ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dewmien fl-applikazzjoni tiegħek minħabba diffikultajiet bħal dawn.

Rekwiżiti formali

Inti trid tipprovi d-**dokumenti kollha** msemmija hawn taħt, **sad-data tal-għeluq**, preferibbilment bl-Ingliż:

- ittra ta' introduzzjoni ta' mhux aktar minn paġna waħda, li tispjega għaliex inti interessat fil-pożizzjoni(jiet)
- curriculum vitae li juża l-format tas-CV tal-Europass - **li jindika l-pożizzjoni(jiet) li għalihom qed tapplika.**

Jekk jogħġbok innota li l-applikazzjonijiet li jiġu ppreżentati online permezz tas-sit web tal-ETF biss, f'konformità mar-rekwiżiti formali msemmija hawn fuq, se jiġu aċċettati għall-fażi tal-għażla.

Għażla

Il-proċess tal-għażla jinkludi tliet fażijiet konsekuttivi:

Fażi 1 – Eżami tal-applikazzjonijiet

1.1 Eliġibbiltà

L-unità tar-Riżorsi Umani tal-ETF se tirrevedi l-applikazzjonijiet kollha. L-applikazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u r-rekwiżiti formali kollha biss jgħaddu għall-fażi li jmiss.

1.2 Valutazzjoni tal-applikazzjonijiet

Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fil-curriculum vitae, il-bord għandu jivvaluta l-applikazzjonijiet kontra esperjenza professjonali, ħiliet ta' tmexxija u dawk maniġerjali, kif ukoll ħiliet tekniċi u assi.

Il-kandidati li jippreżentaw l-applikazzjonijiet li jikkonformaw l-aktar mal-pożizzjoni(jiet) mitluba se jintgħażlu. Huwa mistenni li l-lista mqasra se tinkludi 5 kandidati għal kull pożizzjoni.

L-ETF qed tistenna numru kbir ta' applikazzjonijiet. Bħala konsegwenza, huma biss il-kandidati magħżula li jġu kkuntattjati mill-Unità tar-Riżorsi Umani tal-ETF. Dan huwa mistenni li jsir [fil-bidu ta' Awwissu 2020](#).

Fażi 2 – Ċentri ta' evalwazzjoni, intervisti u testijiet bil-miktub

Il-kandidati magħżula se jġu mistiedna jieħdu sehem f'ċentru ta' evalwazzjoni, f'intervista u f'test bil-miktub.

Id-ċentru ta' evalwazzjoni se jevalwa l-potenzjal tal-kandidati, uħud mill-ħiliet ta' tmexxija, maniġerjali u dawk personali tagħhom.

Il-bord se jivvaluta l-esperjenza professjonali tal-kandidati u l-ħiliet meħtieġa għall-karigi u għal Aġenti Temporari tal-UE permezz ta' intervista u test bil-miktub. Parti waħda tat-test se tiġi evalwata b'mod anonimu .

Il-proċess tal-għażla (ċentri ta' evalwazzjoni, intervisti u testijiet bil-miktub) se jsir primarjament bil-Ingliż.

It-tieni fażi hija mistennija li ssir f'[Settembru 2020](#).

Id-ċentru ta' evalwazzjoni se jġi organizzat fi [Brussell](#). L-intervista u t-test bil-miktub se jsiru f'[Turin](#). Madankollu, minħabba s-sitwazzjoni attwali tas-saħħa, it-tnejn li huma jistgħu jsiru b'mod remot.

Hekk kif titlesta din il-fażi, il-bord se jfassal lista ta' kandidati meqjusa l-aktar konformi ma' kull wieħed mit-3 profili - wara li jkunu laħqu tal-inqas:

- 70 % tal-punti allokat għall-ħiliet ta' tmexxija u dawk maniġerjali
- 70 % tal-punti allokat għall-ħiliet personali, u
- 70 % tal-punti allokat għall-ħiliet tekniċi u l-esperjenza professjonali rilevanti

Fażi 3 – Ħaġra

Id-Direttur se jaħtar il-kandidat magħżul għal kull waħda mit-3 pożizzjonijiet.

Huwa mistenni li l-kandidati magħżula jassumu l-kariga tagħhom fl-1 ta' Jannar 2021.

Id-Direttur jista' jiddeċiedi wkoll li jstabbilixxi lista ta' kandidati oħra potenzjalment adattati. Il-lista se tkun valida sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-validità tagħha tista' tiġi estiża jekk jiddeċiedi hekk id-Direttur. L-inklużjoni fil-lista ma tigarantix offerta ta' impjieg.

Meta pożizzjoni ssir battala jew tkun trid tiġi koperta, id-Direttur jista' joffri impjieg lil kandidat fil-lista li l-profil tiegħu jissodisfa l-aħjar il-ħtiġijiet tal-ETF f'dak il-mument.

Ix-xogħol tal-bord

Ix-xogħol u d-deliberazzjonijiet tal-bord huma kunfidenzjali b'mod strett u kwalunkwe kuntatt mal-membri tiegħu mhuwiex permess. Meta jiġu kkuntattjati, dan jikkostitwixxi raġunijiet għal skwalifika mill-proċedura.

Kundizzjonijiet Kuntrattwali

Kuntratt ta' impjieg

Il-kuntratt ta' impjieg għandu durata fissa ta' tliet snin u jista' jiġġedded.

Dan huwa soġġett għal perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Il-kuntratti ta' Aġent Temporanju huma skont l-Artikolu 2(f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Impjegati Oħra (CEOS) tal-Unjoni Ewropea.

Jekk il-kandidat magħżul attwalment ikollu kuntratt ta' Aġent temporanju 2 (f) u jikkwalifika għal trasferiment skont it-termini tas-CEOS, il-firxa għal din il-pożizzjoni li tista' tiġi akkomodata hija skont l-Anness I tar-Regolamenti tal-Persunal.

B'dan it-tip ta' kuntratt, l-impjegat ikun marbut bis-CEOS kif ukoll bir-Regoli ta' Implimentazzjoni rilevanti.

L-ETF se tkun marbuta bil-kuntratt ta' impjieg li jiġi offrut biss jekk il-kandidat magħżul, qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, ikun:

- ipprova kopji oriġinali jew iċċertifikati tad-dokumenti rilevanti kollha li jagħtu prova tal-eliġibbiltà tiegħu, inkluż rapport nadif tal-pulizija;
- għamel eżami mediku obligatorju li jstabbilixxi li huwa jissodisfa l-istandard ta' saħħa fiżika neċessarja biex jaqdi d-dmirijiet involuti
- informa lill-ETF bi kwalunkwe kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali u jkun tqies li ma għandu l-ebda interess personali b'tali mod li jdgħajjef l-indipendenza tiegħu jew kwalunkwe kunflitt ta' interess ieħor.

Salarju u benefiċċji

Skont is-sitwazzjoni personali tagħhom, il-membri tal-persunal jistgħu jkunu intitolati għal diversi benefiċċji bħall-benefiċċju tal-espatrijazzjoni, il-benefiċċju tal-unità domestika, il-benefiċċju ta' wild dipendenti, il-benefiċċju tal-edukazzjoni, eċċ. Is-salarju huwa soġġett għal taxxa Komunitarja mnaqqsa f'ras il-għajn u l-membri tal-persunal huma eżentati mit-tassazzjoni nazzjonali.

Salarju tipiku għal: impjegat waħdu AD 9, bi 12-il sena ta' esperjenza professjonali rilevanti u benefiċċju tal-maniġment; madwar EUR 5,800 nett / xahar – jew impjegat, bi 12-il sena ta' esperjenza professjonali rilevanti, benefiċċji tal-maniġment u tal-espatrijazzjoni u wild dipendenti wieħed: madwar EUR 8,100 nett / xahar.

Post tal-impjieg

Il-post tal-impjieg huwa Turin, l-Italja.

Informazzjoni addizzjonali

Id-dokumenti pprovduti matul il-proċedura mhux se jiġu ritornati lill-kandidati, iżda se jinżammu fil-fajl għand l-ETF sakemm ikun meħtieġ u mbagħad jiġu meqruda.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni se tapplika għad-*data* personali kollha miġbura għal din il-proċedura.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fl-[istqarrija ta' privatezza](#) fuq is-sit web tal-ETF.

L-applikanti li jħossu li l-interessi tagħhom ikunu ġew ippreġudikati bi kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-proċedura, jistgħu jressqu lment billi jsegwu l-[istruzzjonijiet](#) disponibbli fuq is-sit web tal-ETF.

ETF ORGANISATIONAL STRUCTURE

GB/20/DEC/008

